MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2011

Numru. 101/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Michael Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Michael Mizzi, bin Paul u Mary nee' Cassar, imwieled fit-3 ta' Dicembru, 1961 u residenti fil-fond numru 20, Don Bosco, Triq Santu Pietru, Gharb, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 55661(G) li gie akkuzat talli nhar is-7 ta' Dicembru 2010 ghal habta ta' 23:30hrs fi Triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex:

1. Saq vettura bin-numru tar-Registrazzjoni FBS 891 tal-ghamla KIA waqt li kien taht l-influwenza tax-xorb jew drogi;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

ILLI jirrizulta mix-xiehda moghtija minn PS 1377 Emanuel Cilia li l-imputat kellu riha ta' xorb. Jirrizulta wkoll mix-xiehda moghtija mix-xhud imsemmi u kif ukoll mill-affidavit ta' PC 415 Angelo Portelli u mill-affidavit ta' PC 1380 Loreto Zammit illi wara li sar l-*breathalyser test* fuq l-imputat, dan immarka 53 MG, liema rizultat gie muri wkoll lill-imputat.

ILLI anke x-xhieda Michelang Zammit u Henry Zammit xehdu rigward ir-riha ta' xorb li kellu l-imputat. Minn naha tieghu, l-imputat jghid li kien xorob biss tlitt tazzi inbid.

**Ikkunsidrat**

ILLI fid-decizjoni moghtija fid-9 ta' Frar 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Marlon Montebello*** il-Qorti qalet hekk:

"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Francis Pace***, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi

hin imnaqqsa"[1] minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra **tista'** tinkludi l-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risultat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C"" [emfazi mizjuda].

**Ikkunsidrat**

ILLI jirrizulta mill-provi kif prodotti li l-imputat kien qed isuq taht influwenza tax-xorb u b'hekk l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu giet sodifacentement pruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15A, 15H(1)(a) u 15I tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elf u mitejn ewro (€ 1200), kif ukoll, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lilll-imputat milli jkollu jew milli jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Art. 15A(2) tal-Kap. 65